**Emenda 2**
**Vicky Ford u oħrajn**

**Rapport** **A7-0290/2011**
**Vicky Ford**
Is-sikurezza tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar
COM(2010)0560 – 2011/2072(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 48**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 48. Iħeġġeġ l-użu ta' pjanijiet ta' kontinġenza speċifiċi għas-sit li jidenfikaw il-perikli, jivvalutaw sorsi potenzjali ta' tniġġis u l-effetti tagħhom, jippreżentaw strateġija ta' reazzjoni u jippreżentaw pjanijiet ta' tħaffir għal bjar ta' salvataġġ potenzjali; jirrakkomanda li l-operaturi li jiksbu liċenzja għandhom, bħala prerekwiżit *għall-kisba **tagħha***, iwettqu studju ta' impatt ambjentali u jippreżentaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom minn tal-anqas xahrejn qabel il-bidu tal-operazzjonijiet; fil-każ ta' bjar kumplessi jew kundizzjonijiet ta' tħaffir diffiċli, il-pjan ta' kontinġenza għandu jiġi vvalutat, ikkonsultat u approvat flimkien ma' proċessi ta' approvazzjoni regolatorja oħra (pereżempju dawk konnessi mal-impatti ambjentali jew id-diżinn tal-bir); f'kull każ l-operazzjonijiet ma jistgħux jibdew qabel ma jiġi approvat pjan ta' kontinġenza mill-Istat Membru li fih dawn għandhom jitwettqu; il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jiġu ppubblikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-data; | 48. Iħeġġeġ l-użu ta' pjanijiet ta' kontinġenza speċifiċi għas-sit li jidenfikaw il-perikli, jivvalutaw sorsi potenzjali ta' tniġġis u l-effetti tagħhom, jippreżentaw strateġija ta' reazzjoni u jippreżentaw pjanijiet ta' tħaffir għal bjar ta' salvataġġ potenzjali; jirrakkomanda li l-operaturi li jiksbu liċenzja għandhom, bħala prerekwiżit *għall-ksib **tal-kunses għat-tħaffir***, iwettqu studju ta' impatt ambjentali u jippreżentaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom minn tal-anqas xahrejn qabel il-bidu tal-operazzjonijiet; fil-każ ta' bjar kumplessi jew kundizzjonijiet ta' tħaffir diffiċli, il-pjan ta' kontinġenza għandu jiġi vvalutat, ikkonsultat u approvat flimkien ma' proċessi ta' approvazzjoni regolatorja oħra (pereżempju dawk konnessi mal-impatti ambjentali jew id-diżinn tal-bir); f'kull każ l-operazzjonijiet ma jistgħux jibdew qabel ma jiġi approvat pjan ta' kontinġenza mill-Istat Membru li fih dawn għandhom jitwettqu; il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jiġu ppubblikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti b'kunsiderazzjoni xierqa għall-protezzjoni tad-data; |

Or. en